13 ta' Frar, 1953

Imħallfin:

Is-S.T.O. Onor. L.A. Camilleri, LL.D., *President*;
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. H. Harding, B.Litt., LL.D.

Beatrice Mauchè ne. *versus* Maria Montebello

**Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ — Terminu — Dekadenza — Appell — Azzjoni — Interess.**

*Id-dritt ta' min huwa msejjaħ għall-konsegwiment ta' legat taż-żwieġ li jipproponi azzjoni kontra xebba li ġiet pregradwata għall-konsegwiment ta' legat taż-żwieġ b'sentenza tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ biex jiġi prefiss lilha terminu li fih għandha tiżżewweġ, bil-konsegwenza tad-dekadenza mil-legat fil-każ li tonqos li tiżżewweġ f'dak it-terminu, ma jidhirx li huwa kontrastat fil-ġurisprudenza; langas meta l-azzjoni tiġi proposta wara li min ipproponiha jkun ġa miżżewweġ.*

*Skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, biex jista' jingħad li jkun hemm interess legali fil-proponiment ta' azzjoni, huwa biżżejjed li l-kawża ikun tista' tipprodući riżultament utili jew vantaġġuż lil min jipproponiha; u l-persuna li tipproponi azzjoni għall-prefissjoni ta' terminu għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ ta' persuna oħra li ġiet pregradwata għall-konsegwiment ta' legat taż-żwieġ hija bażata fuq dan l-interess.*

*Il-ġurisprudenza tagħna hu prinċipju ormaj paċifiku illi l-Qorti ta' l-Appell ma tindaħalx, ħlief f'każijiet eċċezzjonali u għal motivi gravi, fl-eżerċizzju tad-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ta' l-attrici nomine, li biha, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedmenti kollha opportuni, peress illi b'sentenza tad-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ, publikata fil-Gazzetta tal-Gvern numru 10027 tat-13 ta' April tas-sena 1951, il-konvenuta ġiet eletta għall-konsegwiment tal-legat fondat minn Maddalena Cardona in Re fl-20 ta' Novembru tas-sena 1751 fl-atti tan-Nutar Domenico Gerolamo Bonavita, bil-kondizzjonijiet kif jidhru mill-istess sentenza, li kopja tagħha tinsab unita maċ-ċitazzjoni, markata dok. A; u peress illi l-konvenuta għadha sal-lum ma żżewġitx, u hija waħda minn dawk li hemm qabilha fil-gradwazzjoni skond il-konkors (dok. C); talbet li dina l-Qorti tiffissa u tipprefiġġi lill-konvenuta ter-

minu perentorju biex tiċċelebra ż-żwieġ, bid-dekadenza mid-dritt li tikkonsegwixxi dana l-legat jekk jgħaddi t-terminu inutilment; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta inġunta għas-subizzjoni, u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti kontra l-istess konvenuta lill-attriċi nomine;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-15 ta' Novembru 1952, li biha dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' l-attriċi nomine, u pprefiġġiet lill-konvenuta sentejn żmien mid-data tas-sentenza biex tiżżewweġ, taħt piena ta' dekadenza mil-legat ġa minnha konsegwit, u ordnat li l-ispejjeż jitħallsu mill-attriċi; iżda jekk il-konvenuta ma tgħaddix għaż-żwieġ fiż-żmien lilha prefiss, tħallashom l-istess konvenuta; billi kkunsidrat;

Illi fl-atti tan-Nutar Domenico Gerolamo Bonavita ta' l-20 ta' Novembru 1751, Maddalena Cardona in Re ordnat li kull sentejn............... u b'sentenza mogħtija mid-Deputazzjoni tal-Legati taż-Żwieġ fid-9 ta' Marzu 1951, ġiet pregradwata l-konvenuta, bil-kondizzjoni li tiżżewweġ, iżda mingħajr limitazzjoni ta' żmien............;

Illi l-konvenuta għadha ma żżewġitx, u għalhekk l-attriċi istitwiet dina l-kawża biex jiġi lill-istess konvenuta prefiss terminu perentorju għaċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ;

Illi domanda bħal din hija istanza ormaj rikonoxxuta mill-Qrati Tagħna sa mill-antik, u dana ma jidherx li huwa kontestat mill-konvenuta; iżda dina eċċepiet li l-azzjoni ma hijiex, f'dan il-każ, sostenibili, għaliex l-attriċi ma għandhiex interess li tistitwiha, imħabba li hija ġa miżżewġa, u l-legat, skond il-fondazzjoni, huwa għax-xebbiet biss;

Illi skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, biex jista' jingħad li jkun hemm interess legali, biżżejjed li l-kawża tkun tista' tipproduċi riżultament utili jew vantaġġjuż lil min jippproponiha. Fil-każ tagħna, l-attriċi qiegħda titlob prefissjoni taż-żmien lill-konvenuta biex, jekk dina ma tiżżewwiġx f'dak iż-żmien, tiddekadi mil-legat, u allura, sew jekk, skond ċerta ġurisprudenza (Kollez. XVII—I—118), jinfetaħ konkors ġdid, sew jekk il-pregradwazzjoni terġa' ssir fost il-konkorrenti li jkun baqa', skond il-ġurisprudenza prevalenti (Kollez. VII, 80; VIII, 497; u X, 100), l-attriċi jkollha il-vantaġġ li terġa' tieħu parti f'elezzjoni oħra; u jekk, għad li

hi miżżewġa, tista' tidħol għall-ewwel konkors għid li jsir wara ż-żwieġ tagħha, ma jidherx li tista' tkun prekluża li tieħu parti fil-pregradwazzjoni mal-konkorrenti l-oħra fil-konkors ġa deċiż;

Illi ma hix applikabili d-deċiżjoni ċitata mill-konvenuta, mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell tar-Re fil-kawża "Gouder vs. Fava" (Kollez. XXIV—I—637), għaliex f'dak il-każ si trattava ta' domanda għar-"revoka" ta' sentenza ta' pregradwazzjoni, mentri fil-każ tagħna l-attriċi mhix qiegħda timpunja dik il-pregradwazzjoni, imma titlob biss li jkun ċirkoskritt u limitat iż-żmien għall-ademp;iment tal-kondizzjoni taż-żwieġ impost lill-konvenuta fis-sentenza;

Illi del resto, id-dritt lill-msejħin għal-legat, li jippropoonu azzjoni bħal dik tal-lum, ma jidherx kontestat fil-ġurisprudenza, lanqas meta tiġi proposta wara li jkunu ġa żżewġu (Kollez. VIII, 497; X, 100; XXIX—II—654);

Illi għalhekk l-azzjoni esperita mill-attriċi hija fondata; u rigward it-terminu mitlub mill-attriċi, il-Qorti jidhrilha li għandha tikkunsidra l-età tal-konvenuta, iż-żmien li għadda mill-elezzjoni tagħha 'l hawn, u ċ-ċirkustanza li l-attriċi tinsab miżżewġa;

Rat fil-fol. 20 in-nota ta' l-appell ta' l-attriċi nomine, u fol. 21 il-petizzjoni tagħha, li fiha talbet ir-riforma tas-sentenza appellata, fis-sens biss li jiġi mqassar it-terminu mogħti mill-Ewwel Qorti; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Il-gravam dedott mill-attriċi nomine appellanti jirsolvi ruħu fi kritika ta' l-eżerċizzju mill-Ewwel Qorti tad-diskrezzjoni tagħha għar-rigward tal-fissazzjoni taż-żmien;

Hu prinċipju ormaj paċifiku fil-ġurisprudenza nostrali illi l-Qorti ta' l-Appell ma tindaħalx, ħlief f'każijiet eċċezzjonali u għal motivi gravi, fid-diskretiva ta' l-Ewwel Qorti (ara Appell "Khiomal vs. Bianco", 30 ta' Ġunju 1912, Vol. XXIV—I—104, u Appell "Sant Manduca vs. Manduca", 13 ta' Diċembru 1926, Vol. XXVI—I—642);

F'dan il-każ din il-Qorti ma ssibx li hemm raġunijiet biex tiċċensura l-eżerċizzju li għamlet il-Qorti tal-Prima Istanza tal-poter diskrezzjonali lilha mogħti. Il-konvenuta

għalqet tmienja u tletin sena, età li fiha l-probabilità taż-żwieġ tkun qiegħda tonqos; u għalhekk ma hux konsiljabili terminu qasir li jkompli jnaqqas dik il-probabilità. Mid-data tad-deċiżjoni tad-Deputazzjoni ma għaddiex żmien tant twil li jissuġġerixxi abbrevjazzjoni drastika tat-terminu;

Fl-aħħarnett, il-mandanti ta' l-attriċi tinsab miżżewġa; u, kif osserva il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, in re "Curmi vs. Borg", 3 ta' Ottubru 1935, Vol. XXIX—II—654, "il-Qorti għandha tikkunsidra wkoll illi l-iskop tal-fundatur kien indubbjament il-kollokament tax-xebbiet fl-istat taż-żwieġ, u kwindi ma hux konsiljabili li b'terminu qasir żejjed jiġi frustrat l-iskop tal-fundatur favur l-attriċi li tinsab diġà miżżewġa";

Għalhekk, fil-waqt li dina l-Qorti mhix qiegħda tistabbilixxi xejn dwar id-durata tat-termini li għandhom jiġu mogħtija f'każijiet simili, ma jidhrilhiex li hemm raġunijiet gravi biex tqassar it-terminu mogħti mill-ewwel ġudikant;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell fil-kap devolut lilha, u tikkonferma f'dak il-kap is-sentenza appellata. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi nomine appellanti.

---